MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 766/2001/1

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Easysell Kia Malta Limited sija bil-polza u sija bil-ligi.**

**vs.**

**Joseph Camilleri.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta' Mejju 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fis-27 ta' Awissu 1999 fi Triq is-Sebh, Qormi waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza numru BBA 204 habat mal-karozza numru DBE 434 misjuqa minn Silvan Fenech u propjeta` tas-socjeta` l-assikurata Easysell Kia Malta

Limited u assikurata taht polza *comprehensive* mas-socjeta` attrici;

Illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi *in vista* ta' l-imsemmi polza s-socjeta` attrici ghamlet tajjeb ghad-danni kagunati mill-konvenut b'konsegwenza ta' l-istess incident;

Illi d-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici b'konsegwenza ta' l-incident fuq imsemmi jammontaw ghal hamest elef tliet mija u tlettax-il lira Maltin (Lm5,313) kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut ghalkemm mitlub biex jaddivjeni ghal likwidazzjoni hlas tad-danni, baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Jigi dikjarat minn din l-Qorti unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mis-socjeta';

2. Din il-Qorti tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' Lm5,313 fuq imsemmija jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi;

3. Konsegwentament ma ghandux il-konvenut jigi kundannat ihallas lis-socjeta` attrici *in linea* ta' danni l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut, kontra l-istess konvenut li huwa ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef li jgib id-data tas-7 ta’ Mejju 2001 fejn appunta l-kawza ghas-smiegh ghall-20 ta’ Gunju 2001.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Camilleri datata 8 ta’ Gunju 2001 a fol 9 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-Dritt u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, neglegenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ Silvan Fenech, ix-xufier tal-vettura assikurata mis-socjeta` attrici, kif jista’ jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Joseph Camilleri a fol 10 u 11 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-20 ta’ Gunju 2001 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd u billi din il-kawza kienet ghas-smiegh tal-provi fil-mertu giet differita ghal provi tas-socjeta` attrici ghas-6 ta’ Dicembru 2001 quddiem din il-Qorti hekk attwalment presjeduta.

Rat il-verbal tas-6 ta’ Dicembru 2001 quddiem din il-Qorti kif presjeduta llum fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr Neville Camilleri ghas-socjeta` attrici talab korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni fis-sens li l-kliem “Allcare Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta`” jigu kancellati kemm fl-atti tac-citazzjoni u fl-atti kollha sussegwenti. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li l-korrezzjoni ssir anke` fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet. Xehed **John Lentini** (fol 16a sa 16c) rapprezentant tas-socjeta` attrici prodott mill-istess bil-gurament tieghu u l-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-konkluzjoni tal-provi attrici ghall-10 ta’ April 2002 b’dan li l-Qorti estendiet iz-zmien ghall-prezentata ta’ l-affidavit attrici ghall-ahhar darba b’erbghin (40) gurnata.

Rat il-verbal tal-10 ta’ April 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna ghall-15 ta’ Mejju 2002.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tas-16 ta’ Ottubru 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghat-28 ta’ Frar 2003.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta tat-28 ta’ Frar 2003 u tad-29 April 2003 fejn deher Dr Neville Camilleri ghas-socjeta` attrici u Dr Ramona Frendo ghall-konvenut. Il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha a fol 36 fil-konfront ta’ PS 585 Baileys. Xehed **P.S. 585 J. Baileys** (fol 49 sa 51) prodott mis-socjeta` attrici. Il-Qorti ordnat li jsir tentattiv iehor mal-Marixxal sabiex isir il-Mandat ta’ Skorta ta’ Sylvan Fenech u l-kawza giet differita ghat-13 ta’ Gunju 2003 ghall-provi attur.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta tat-13 ta’ Gunju 2003; tat-3 ta’ Ottubru 2003 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u l-Qorti awtorizzat lis-socjeta` attrici taghmel tentattiv iehor biex jigi esegwit il-mandat ta’ skorta fil-konfront ta’ Sylvan Fenech u f’kaz li dan jinsab imsiefer jindika fuq ir-riferta nformazzjoni li jkollu dwar iz-zmien li ser jibqa’ msiefer; tat-30 ta’ Jannar 2004 u tat-30 ta’ Marzu 2004 fejn deher Dr. Neville Camilleri ghas-socjeta` attrici u rapprezentant ta’ l-istess u Dr Rachel Montebello ghall-konvenut. Xehed **John Lentini** (fol 59 u 60) prodott mill-konvenut in kontro-ezami. Il-Qorti ordnat lill-Marixxal Francis Fenech jesegwixxi l-Mandat ta’ skorta ghas-seduta li kien imiss u dan a spejjez tar-Registratur tal-Qorti. Il-kawza giet differita ghall-21 ta’ Mejju 2004 ghax-xhieda ta’ Sylvan Fenech.

Rat in-nota miktuba *a tergo* fol 61 tal-Marixxal J Azzopardi datata 21 ta’ Mejju 2004 fejn qal li ma esegwiex il-mandat ta’ skorta kontra Sylvan Fenech peress li gie nfurmat minn missieru Ninu Fenech li ma jiflahx u qieghed fis-sodda.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta tal-21 ta' Mejju 2004 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-Qorti ordnat li l-Mandat ta' skorta kontra Sylvan Fenech jibqa' *in vigore.* Xehed **John Lentini** fejn ipprezenta zewg dokumenti Dok. "L1" u Dok. "L2" u dawn jinsabu esebiti minn fol. 65 sa 67 tal-process. Il-kawza giet differita ghax-xhieda ta' Sylvan Fenech ghat-18 ta' Gunju 2004.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta tat-18 ta' Gunju 2004 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Sylvan Fenech gie msejjah izda baqa' ma deherx. Il-Qorti semghet bil-gurament lill-Marixxal Joseph Azzopardi u ordnatlu jesegwixxi l-ordni fil-konfront ta' Sylvan Fenech anke fuq il-post tax-xoghol tieghu u cioe` fl-istabbiliment ta' Kia Motors, Mdina Road, Qormi u dan *stante* li dan ix-xhud kien ilu biex jingieb b'Mandat ta' Skorta mit-13 ta' Marzu 2004. Il-kawza giet differita ghat-22 ta' Ottubru 2004 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat in-nota ta' Dr Ramona Frendo u Dr Rachel Loporto Montebello li permezz taghha rrinunzjaw ghall-patrocinju tal-konvenut, b'kull rizerva ghall-hlas tad-drittijiet professjonali dovuti.

Rat il-verbal tat-22 ta' Ottubru 2004 quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta a fol 72 tal-process fejn deher Dr Neville Camilleri ghas-socjeta` attrici u Dr Andrea Micallef li assuma l-patrocinju tal-konvenut. Xehed **Sylvan Fenech** prodott mill-attur (fol 74 sa 78); il-kawza giet differita ghall-1 ta' Dicembru 2004 ghall-konkluzjoni tal-provi attrici.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta tal-1 ta' Dicembru 2004 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Sylvan Fenech debitament ingunt issejjah izda ma deherx. Il-Qorti sabitu hati ta' disprezz lejn l-awtorita` taghha u kkundannatu hamsin lira (Lm50) multa u ordnat li jingieb b'mandat ta' skorta. Il-konvenut impenja ruhu fi zmien ghaxart ijiem, permezz ta' nota bil-visto jiddikjara

liema mid-dokumenti dwar id-danni esebiti qed jigu kontestati mill-konvenut. Il-kawza giet differita ghad-9 ta' Frar 2005 ghall-kontinwazzjoni tal-provi attrici dwar id-danni.

Rat in-nota tal-konvenut Joseph Camilleri li ggib id-data 10 ta' Dicembru 2004 a fol 85 tal-process li permezz taghha *a tenur* tad-digriet ta' din l-Qorti fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2004, iddikjara illi xtaq jiddentifika d-dokumenti a fol 25 tal-process ghall-fini ta' kontestazzjoni dwar il-*quantum*.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta tad-9 ta' Frar 2005 (fol 87) fejn dehru Dr Neville Camilleri ghas-socjeta` attrici u Dr James D'Agostino ghall-konvenut. Xehdu **Sylvan Fenech** ( fol 88) u **Peter Bonnici** (fol 90). Is-socjeta` attrici ddikjarat li ezawriet il-provi u l-kawza giet differita ghas-6 ta' April 2005 ghall-prezentata ta' l-affidavits u provi tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-6 ta' April 2005 quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta fejn deher Dr. Andrea Micallef ghall-konvenut li pprezenta zewg **affidavits tal-konjugi Camilleri** (fol 94 sa 96) u ddikjara li kkonsenja 'kopja' lid-difensur tal-kontro-parti u ddikjara li l-konvenut fadallu jaghmel il-kontro-ezami ta' PS 585 u jaghlaq il-provi tieghu. Il-kawza giet differita ghall-24 ta' Mejju 2005.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Mejju 2005 quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta fejn deher Dr Simon Schembri li assocja ruhu fil-patrocinju tas-socjeta` attrici ma' Dr Neville Camilleri u Dr. Andrea Micallef ghall-konvenut. Xehed PS 585 **Joseph Baileys** (fol 100 sa 103) u l-kawza giet differita ghat-12 ta' Ottubru 2005 ghall-kontro-ezami tal-konvenut Joseph Camilleri u Josephine Camilleri.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta tat-12 ta' Ottubru 2005 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u l-konvenut. Xehdu **Joseph Camilleri** prodott mill-attrici (fol 107 sa 113) u **Josephine Camilleri** (fol 114 sa 117). Il-partijiet iddikjaraw li

m'ghandhomx provi aktar u gew awtorizzati jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet. Il-kawza giet differita ghat-2 ta' Dicembru 2005 ghall-prezentata tan-nota ta' l-attrici.

Rat il-verbal tat-2 ta' Dicembru 2005 fejn deher Dr Simon Schembri ghas-socjeta` attrici u pprezenta nota ta' l-osservazzjonijiet b'kopja lill-kontro-parti u l-kawza giet differita ghas-27 ta' Jannar 2006 ghall-prezentata tan-nota tal-konvenut.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici Allcare Insurance Agency Limited li ggib id-data tat-2 ta' Dicembru 2005 minn fol 119 sa 125 tal-process.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti kif attwalment presjeduta datata 13 ta' Gunju 2003.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti hekk kif attwalment presjeduta tal-14 ta' Marzu 2006 fejn deher Dr. Simon Schembri ghas-socjeta` attrici. Il-konvenut u d-difensur tieghu Dr. Andrea Micallef issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Schembri talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Aktar tard deher Dr Andrea Micallef li ppezenta nota ta' osservazzjonijiet, bil-kunsens ta' Dr. Simon Schembri u tah kopja ta' l-istess. Id-difensuri qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' April 2006.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi dan l-incident jittratta dwar kollizzjoni li grat fis-27 ta' Awissu 1999 meta l-karozza Reg. No, DBE – 434 li kienet misjuqa minn Sylvan Fenech waqt li kienet ghaddejja minn Triq Is-Sebh Qormi, fid-direzzjoni ta' Hal Qormi habtet ma' vettura Reg. No, BBA – 204 misjuqa minnn

Joseph Camilleri li kien hareg minn fuq l-*istop sign* sabiex jaqsam l-istess triq sabiex imur l-Imriehel.

Illi din hija d-dinamika ta' l-incident u dan kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess sewwieq Sylvan Fenech moghtija minnu fit-22 ta' Ottubru 2004, u dik tas-sewwieq l-iehor Joseph Camilleri, u dan kollu jinsab ikkonfermat minn dak kollu li jirrizulta wkoll mill-istess skizz u l-okkorenza relattiva redatta minn dak iz-zmien P.S. 585 Joseph Baileys kollox kif jidher a fol. 23 tal-process, u kif tali dokumenti jinsabu ukoll ikkonfermati mix-xhieda ta' l-istess ufficjal tal-Pulizija fid-29 ta' April 2003 a fol. 49 *et sequitur* tal-process.

Illi dan huwa kkonfermat ukoll mix-xhieda ta' Joseph Camilleri li jammetti li kien hareg minn fuq *stop sign* u li kien qed jittraversa t-triq ghalkemm jallega li waqfet il-karozza tieghu hekk kif kien qed jaqsam it-triq sabiex jitla' lejn l-Imriehel u l-karozzi spiccaw kif indikat fl-iskizz.

Illi *in verita'* l-istess versjoni giet moghtija minn Joseph Camilleri fix-xhieda tieghu permezz ta' l-affidavit datat 5 ta' April 2005 u fil-fatt jghid hekk:-

*"Hekk kif wasalna fil-Bypass ta' Attard f'direzzjoni Rabat, qrib fejn hemm Supermaster Supermarket, waqaft fuq l-istop sign biex indur ghal gewwa l-Industrial Estate. Hekk kif kont wieqaf fuq l-istop sign harist fuq ix-xellug jekk kienux gejjin karozzi. Meta rajt illi ma kienx hemm karozzi fil-qrib, dejjem sa fejn stajt nara jien u hemm il-viswali hija tajba ghax it-triq wiesgha u twila mhux hazin, jiena bdejt biex naqsam l-imsemmija triq bil-mod. Hekk kif bdejt hiereg il-karozza f'daqqa wahda waqfitli u wara ftit sekondi, niftakar li hassejt daqqa kbira u vjolenti ta' karozza ohra mal-karozza tieghi".*

*"Nixtieq inzid li din it-triq jiena nghaddi minnha abbitwalment peress illi noqghod fil-vicinanzi. Nghid illi din hija triq principali twila hafna li tibda minn Hal Qormi u tibqa' sejra dritta ghal H'Attard u nista' nikkonferma illi l-karozzi li jaghddu minn hemm, hafna drabi jkunu ghaddejjin bi speed gholi hafna. Ghalhekk meta jien gejt*

*biex nohrog mill-istop sign accertajt ruhi ghal darba darbtejn illi ma kien hemm hadd gej mid-direzzjoni tieghi".*

Illi f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li s-sewwieq tal-vettura Reg. No. DBE- 434 li kien ghaddej minn Triq is-Sebh Qormi, sejjer ghad-dritt, kellu d-dritta jew ir-*right of way,* u kien l-obbligu tal-konvenut li kien hiereg minn fuq *stop sign* u li kien ser jittraversa triq principali li jesplora t-triq sew qabel ma' jaqsam l-istess triq, u qabel ma' jkun cert li ma kienx ser johloq ostakolu lil utenti l-ohra tat-triq principali ma kellux johrog minn fuq l-istess *stop sign* ghaliex b'hekk ikun qed johloq perikolu kbir lil haddiehor ghaliex ikun qed jikser il-*flow of traffic*.

Illi nfatti fis-sentenzi **"Carmelo Sheridan vs Joseph Cutajar"** (P.A. (RCP) – 13 ta' Lulju 2000) u **"Dr. Stephen Thake *nomine* vs Reverendu Patri Ignatius Paul Axisa"** (A.C. 13 ta' Frar 1997) inghad illi:-

*"Hu ovvju li l-konvenut ghandu ir-right of way fil-konfront tal-vettura li riedet tohrog minn fuq ix-xellug tieghu……………u kellu d-dritt jippretendi illi t-traffiku gej minn din id-direzzjoni jieqaf wara l-istop sign u jistennieh jghaddi. L-istop sign hu ordni perentorju li d-driver tal-vettura assigurata mad-ditta attrici kien jehtieglu jobdi biex minn warajh jesplora t-traffiku li jkun hemm fuq l-arterja principali u ma jazzardax jirfes fuqha qabel ikun ghamel ghal kollox cert li seta' jaghmel dan u jtemm il-manuvra li ried jaghmel…………bla ma jfixkel lit-traffiku fuq it-triq principali".*

Illi l-istess gie ritenut fis-sentenza **"Pierre Vella vs John Schembri"** **(**P.A. (DS) 2 ta' Ottubru 2002) tant li gie affermat illi:-

*"Utent ta' triq principali ghandu precedenza fuq kwalunkwe vettura li setghet tohrog minn triq sekondarja. Mill-banda l-ohra min ikun hiereg minn side road hu obbligat jieqaf, jesplora sew il-main road qabel ma' johrog, jaghti d-dritta lit-traffiku fuq il-main road, u jipprocedi biss meta jkun cert li jista' jaghmel hekk bla hsara ghat-traffiku fil-main road".*

Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz l-istess konvenut dan assolutament ma ghamlux u dan peress li minkejja l-fatt li t-triq li kien ser jittraversa hija wahda twila sew u allura l-istess konvenut mill-*istop sign* li kien fuqha kellu vizwali sew tat-triq, huwa xorta wahda hareg fil-mument li l-istess triq kienet qed tigi wzata mis-sewwieq li l-karozza tieghu kienet assugurata mas-socjeta' attrici, b'mod li meta l-istess konvenut xehed li meta qasam huwa ma rax traffiku, din fil-verita' tammonta ghal auto inkolpazzjoni, ghaliex ma hemm l-ebda dubju li fit-triq li kien ser jittraversa hemm vizzwali tajba hafna sabiex sewwieq bil-ghaqal u attent jara sew it-traffiku li kien qed juza' t-triq u l-fatt li l-istess konvenut qabel ma' qasam ma rax il-karozza misjuqa minn Sylvan Fenech, ifisser biss li l-konvenut ma kienx attent, u kien negligenti meta huwa ddecieda li jaqsam it-triq u ma esplorax it-triq sewwa qabel ma' ghamel il-manuvra ta' traversament  ta' l-istess triq u lanqas zamm *a proper look out,* bil-konsegwenza li din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju kwalunkwe li tiddikjara li kien is-sewqan negligenti tal-konvenut li kien il-kawza prossima ta' dan l-incident.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li gie ritenut fis-sentenza **"Elmo Insurance Services Limited *et nomine*  vs Elmo Insurance Agency Limited"** (P.A. (PS) 28 ta' Jannar 2004) fejn inghad illi:-

*"l-kawza prossima u mmedjata ta' l-incident kienet l-imgieba kolpuza esklussiva tal-konvenut li kjarament naqas li jhares l-obbligu baziku li jzomm "a careful look out" fil-mument u waqt li kien qed jaghmel il-manuvra tat-traversament ta' triq principali maghrufa ghac-cirkolazzjoni tat-traffiku".*

Illi fil-fatt il-bran ta' xhieda hawn citata mill-affidavit stess tal-konvenut jenfasizza u jipprova b'mod mill-iktar car li l-istess konvenut kien konxju li kien qed jittraversa triq principali wzata sew mit-traffiku, u li kellu l-vizzwali tieghu miftuha sabiex jaghmel dan bl-iktar mod effettiv u bla xkiel ta' xejn, izda minkejja dan kollu huwa jghid li qasam meta ra li ma kienx gej traffiku, izda f'mument minnhom u

f'daqqa habtet mieghu l-karozza l-ohra, li jammetti li huwa ma rax, meta ma hemm l-ebda dubju li huwa kellu l-mezzi kollha u c-cirkostanzi kollha li huwa jara.

Illi hawn huwa relevanti dak li nghad fis-sentenzi **"Soler John et vs Claire Gove'** (P.A. (NC) – 14 ta' Ottubru 2003) u **"Emanuel Zahra vs Patrick Vassallo"** (P.A. (NC) 15 ta' Ottubru 2003) fejn inghad illi:-

*"Jekk sewwieq isostni li ma rax il-vettura l-ohra gejja, din hija auto inkolpazzjoni ghaliex jekk seta' (kif ic-cirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissu rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx attent kif kellu jkun jekk ried izomm 'a proper look out".*

Illi din il-Qorti thoss li kull allegazzjoni li ghamel il-konvenut li kien is-sewwieq l-iehor li kien tort ta' l-incident jew li b'xi mod ikkontribwixxa ghall-incident bl-ebda mod ma gie ppruvat, anzi dak li gie pprovat kien biss li l-konvenut kien il-kawza prossima ta' l-istess incident; kull allegazzjoni ta' *speed eccessiv da parte* ta' Sylvan Fenech ma giet bl-ebda mod ippruvata u dan anke inkwantu dan jista' jkun rilevanti ghall-kaz in ezami u dan peress li xorta jibqa' l-fatt li l-istess sewwieq tal-karozza assikurata mis-socjeta' attrici kellu *r-right of way,* u kellu d-dritt jippretendi bhala utent tali li ma johorgux ghall fuq l-istess triq principali, karozzi minn toroq sekondarji, iktar u iktar meta fl-istess toroq sekondarji hemm ukoll sinjal biex wiehed jieqaf, jew li karozzi johorgu minn fuq stop sign sabiex jittraversaw l-istess triq. (**"Anthony Critien vs John Pulis"** (P.A. 11 ta' Ottubru 2002) – **"Pierre Vella vs John Schembri"** (P.A. (DS) - 2 ta' Ottubru 2002). Fuq kollox kien is-sewqan tal-konvenut li kien il-kawza prossima u esklussiva ta' dan l-incident u f'dan il-kaz ma kien hemm ebda abbuz mill-*main road user.*

Illi kif ritenut fis-sentenzi **"Avra Insurance Agency Limited et vs Joseph Gatt"** (P.A. (R.C.P) - 26 ta' April 2001; **"Laferla Insurance Agency Limited vs Arthur Grech"** (P.A. (RCP) - 29 ta' Mejju 2001) u **"Simon Spiteri vs Louis Caruana"** (P.A. (RCP). 11 ta' Ottubru 2001) kien il-hrug intempestiv tal-konvenut, li minn fuq

*stop sign,* huwa baqa' diehel, minghajr ma ha l-prekawzjonijiet necessarji ghal fuq it-triq principali, b'dan li l-istess konvenut ma zammx *a proper look out,* pogga ruhu f'*self inflicted incapacity* sabiex jevita l-istess incident, u holoq *sudden emergency* lill-utenti ta' l-istess triq principali, inkluz ghal Sylvan Fenech innifsu, li kellu d-dritta kollha tat-triq.

Illi dawn l-insenjamenti jinsabu konfortati f'diversi sentenzi fosthom **"Owen Azzopardi vs Mar Frances Borg"** (P.A. 25 ta' Mejju 1992) fejn inghad illi:-

*"Il-kawza prossima, immedjata u unika ta' l-incident kienet il-mod inkonsult kif il-konvenut qabad u hareg minn wara stop sign bla ma ha l-prekawzjonijiet kollha li hu kien obbigat jiehu qabel ma johrog fuq it-triq principali fiha l-attur certament kellu d-dritta. L-attur allura fil-konfront tal-konvenut ma kien jehtieglu jipprova xejn biex jiskolpa ruhu ghax hu kellu kull dritt jippretendi li l-karreggiata tieghu tkun ghal kollox hielsa mit-traffiku li ma kienx qed jigi bhal misjuq fuq it-triq principali. Hu zgur li, ghalkemm l-attur kellu jzomm quddiem ghajnejh li seta' jkun hemm xi traffiku jistenna biex johrog ghal fuq il-karreggiata tieghu mit-toroq laterali, hu ma kellu l-ebda obbligu li jcedi lil tali traffiku jew li jaghti attenzjoni partikolari ghalih".*

Illi l-istess inghad fis-sentenza **"Alexander Bartolo vs Kalcedon Micallef"** (P.A. 16 ta' Frar 1972) fejn gie ribadit li:-

*"imma l-kawza prossima taghha tinstab mill-fatt li l-konvenut li ra l-karozza ta' l-attur…. Meta kien wasal fl-inkroccju tat-toroq ha r-riskju li sewwieq prudenti ma kellux jiehu billi minflok baqa' fejn kien wieqaf sakemm tghaddi l-karozza ta' l-attur invadielu d-dritta tieghu u hariglu quddiemu…. Ghalhekk huwa responsabbli ghall-habta l-konvenut u mhux l-attur, billi l-esplorazzjoni da parti tas-side road use ghat-traffiku transitanti fuq triq principali (multo magis fejn bhal f'dan il-kaz kellu stop sign) mhijiex limitata ghall-waqfien f'tarf l-inkrocju imma inoltre dan ghandu jikkalkula jistax jaqsam wara li jistma l-*

*velocita' ta' vetturi li jkunu joqorbu lejn l-inkrocju fit-triq principali".*

Illi l-fatt li l-attur ma rnexxielux jevita l-kollizzjoni ma ghandux jigi mehud kontra tieghu *stante* li huwa kien iffacjat *b'sudden emergency* u mhux kull persuna f'mument tali tista' tagixxi bilfors b'mod perfett u f'dan il-kuntest huwa sintomatiku dak li ntqal fis-sentenza **"Paul Deguara vs Raymond Chilton"** mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Frar 1988 (LXXII.ii.181) u cioe':-

*"Fil-fehma tal-Qorti bil-manuvra errata li ghamel, l-attur* (f'dan il-kaz il-konvenut) *ikkrea "a sudden emergency" lill-konvenut (*f'dan il-kaz lill-assigurat tas-socjeta' attrici) *li f'dawk ic-cirkostanzi kien gie kostrett jiehu xi xorta ta' "evasive action". Din il-Qorti ga' kellha okkazzjoni ohra fejn ippronunzjat ruhha f'kaz simili dwar l-implikazzjonijiet legali nvoluti (ara **"John Debattista vs Maria Theresa Vella et"** deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Novembru 1987). Inutili li wiehed joqghod jghid kif imissha rreagixxiet persuna li kienet involuta f'kollizzjoni meta tkun rinfaccjata b' "sudden emergency" ikkawzata mill-parti l-ohra. Din hija haga psikologika u mhux kulhadd jirreagixxi l-istess fl-istess cirkostanzi. F'dan il-kaz, wiehed jista' jghid li, kieku ma kenitx il-manuvra errata tal-(konvenut) il-kollizzjoni ma kenitx issir. Hekk insibu fil-"Manual of Motor Vehicle Law" (Horsely and Foster p. 120) "If the driver cuts the corner and confronts another driver with the imminent prospect of a collision he cannot complain if that other adopts an unwise manouvre in attempting to avoid it" (Ara wkoll Bingham's Motor Claims Cases pages 33,34). Li gara f'dan il-kaz huwa li s-sewqan hazin tal-konvenut ikkrea sitwazzjoni tali li s-sewwieq l-iehor ma setax jevita l-habta bl-evasive action li ha.".*

Illi huwa ovvju li bhala meta l-konvenut kien hiereg minn fuq *stop sign* u qed jittraversa triq principali qatt ma kellu d-dritt li jkun f'dik il-pozizzjoni li pogga ruhu fiha u johloq ostakalu ghall-utenti tat-triq principali, u iktar u iktar jibqa' miexi ghal fuq it-triq principali. Ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Illi fl-ahharnett ghalkemm l-istess konvenut allega li waqt li l-karozza kienet qed taqsam it-triq din waqfitlu, l-istess konvenut ma gab ebda spjegazzjoni ta' dan, lanqas wahda teknika u ghalhekk din il-Qorti ma tara li hemm ebda bazi sabiex l-istess konvenut jigi b'xi mod skolpat mill-agir negligenti tieghu – oneru ta' prova li certament kien jispetta lilu u li fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma sodisfax.

Illi bhala danni jirrizulta li l-vettura Reg. No. DBE – 434 kienet *total loss* u wara li nbieghet ir-*wreck* ghall-ammont ta' Lm500, u mehud in konsiderazzjoni li l-valur tal-karozza kien ta' Lm5,800, mela allura d-danni sofferti kienu fl-ammont ta' Lm5,300 (Lm5,800 – Lm500) u ma' dawn iridu jizdiedu Lm3 ghall-ispejjez ta' l-iskizz u Lm10 ghall-ispejjez ta' *survey* u dan kif jidher mix-xhieda ta' John Lentini ghas-socjeta' attrici fis-6 ta' Dicembru 2001 u mid-dokument Dok. "JL 1" a fol. 17 tal-process u dokumenti ohra esebiti bhala Dok. "JL 2" u Dok. "JL3" (fol. 24 sa fol. 29 tal-process). Ma jidhirx li l-istess danni gew ikkontestati u ghalhekk it-tieni u t-tielet talba attrici qed jigu milqugha f'dan is-sens.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Jigi dikjarat li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi tas-27 ta' Awissu 1999 fi Triq is-Sebh, Qormi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mis-socjeta' attrici kollox kif indikat f'din is-sentenza u dan peress li l-istess incident gara tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku meta huwa kien qed isuq il-vettura Reg. No. BBA – 204.

2. Din il-Qorti tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' hamest elef, tlett mija u tlettax-il lira Maltija (Lm5,313) kif fuq imsemmija;

3. Konsegwentament tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici in linea ta' danni l-ammont hekk likwidat ta' hamest elef, tlett mija u tlettax-il lira Maltija (Lm5,313).

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fit-23 ta' Mejju 2001 sa l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mac-citazzjoni attrici kontra s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut, kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------